MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2011

Talba Numru. 87/2011

**GO p.l.c. (C-22334)**
**Vs**
**Geoffrey Edward Hills (K.I. 47413A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet hlas ta’ seba’ mija, sebgha u tmenin ewro u tmien centezmi (€787.08) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta’ attrici bhala hlas ta’ diversi servizzi moghtija mis-socjeta’ attrici u skont kif jirrizulta mid-dokument anness mat-talba mmarkat Dok A.

Illi l-konvenut gie nterpellat diversi drabi sabiex ihallas il-pagament effettiv izda dan baqa’ nadempjenti u ghalhekk l-ammont ghadu dovut sal-lum u kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data ta’ dan l-avviz sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fis-27 t'Ottubru, 2011 mill-Avukat Ingrid Zammit Young u l-fatt li l-konvenut naqs li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova il-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta attrici bl-ispejjez u bl-interessi kontra l-konvenut mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------